TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 124/18/F

**Frida u Peter Muscat**

**vs**

**Ronald Cassar eżerċenti l-kummerċ bħala Cassar Upholstery Services**

Illum, 2 ta' Mejju, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-2 t'Awwissu, 2018 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elfejn u erbgħin Ewro (€2,040), rappreżentanti xogħol ta' upholstery fuq sufan li sar ħażin.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma ingaġġaw lill-intimat sabiex jagħmel xogħol ta' riparazzjoni fuq sufan u żewġ pultruni u dan ix-xogħol sar ħażin. Illi ħallsu disa' mija u erbgħin Ewro (€940), bħala l-prezz ta' drapp u kif ukoll elf u mitt Ewro (€1,100) li kien imħallas lill-intimat għax-xogħol ta' jdejh, u rriżulta li x-xogħol kien ta' kwalita' inferjuri ħafna u li kellu ħafna difetti.

It-Tribunal, wara li ra r-ritratti ppreżentati, ra d-difetti u jikkonkludi li verament kien għamel xogħol inferjuri u ħażin.

It-Tribunal jinnota wkoll illi l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smigħ.

Għaldaqstant it-Tribunal, jinnota illi fl-ewwel lok l-intimat ma kkontestax din it-talba u fit-tieni lok it-talba tar-rikorrenti hija ġustifikata.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn u erbgħin Ewro (€2,040), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888